**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 8 ta' Marzu 2023

Rikors Numru: 184/2020/2 AL
*Fl-ismijet:*

**A B**

**vs**

**C B**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv 517/2002)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-attriċi A B ta' nhar it-22 ta' Ġunju 2022, li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

1. *Illi l-esponenti intavolat il-proceduri fuq citati, ghas-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet.*

[1] Fol. 2.

2. *Illi prezentement l-aspett finanzjarju tal-hajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet huwa regolat bis-sistema tal-kommunjoni tal-akkwisti, b'dan illi madanakollu, u f'dan l-istadju, l-iskop ta' l-istess kommunjoni bejn il-partijiet illum spicca ghal kollox u dan kif ser jigi debitament spjegat.*

3. *Illi r-rikors odjern qed jigi intavolat ai termini ta' l-artikolu 55 tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta bl-ghan illi dina l-Onorabbli Qorti, ai termini ta' l-istess Artikolu, tordna l-waqfien tal-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.*

4. *Illi l-esponenti tirrileva umilment illi, kif stipulate bl-aktar mod inekwivoku fl-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili, 'l-qorti tista', f'kull zmien matul is-smigh tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin'.*

5. *Illi l-esponenti tirrileva umilment illi l-partijiet ilhom separate de facto ghal kwazi tlett (3) snin, senjatament minn Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u qed jghixu hajja separata minn xulxin, b'dan illi f'dan l-istadju certament illi ma hemm l-ebda htiega li l-kommunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet, tibqa' in vigore.*

6. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti tirrileva umilment illi fil-kors tal-proceduri odjerni, l-esponenti diga' pprezentat diversi xhieda quddiem l-assistenta gudizzjarja Dr. Abigail Critien, inkluz, inter alia, ir-rapprezentanti tal-banek u istituzzjonijiet finanzjarji sabiex jixhdu dwar l-investimenti, d-depoziti u d-djun tal-partijiet, rapprezentanti tal-Jobsplus sabiex jixhdu dwar l-impjiegi rispettivi tal-partijiet, u rapprezentanti ta' Transport Malta sabiex jixhdu dwar kwalunkwe vetturi registrati f'isem il-partijiet.*

7. *Illi di piu', fil-mori tal-proceduri odjerni, l-partijiet iffirmaw ukoll konvenju ghall-bejgh tal-fond matrimonjali taghhom, senjatament 'X Apartments', Apartment 3, Triq X, Swatar (Dok. 'AM1'). Minn naha l-ohra hemm proprjeta' immobbli ohra, senjatament l-appartament gewwa 39A, Triq X, l-Belt Valletta, li wkoll huwa proprjeta' komuni tal-partijiet u li pero' l-intimat qieghed jikri wahdu filwaqt illi qieghed izomm ir-rikavat kollu, minn liema kirjiet l-esponenti ghad trid tigi rimborsata s-sehem taghha, kif diga' gie spjegat fil-kors tal-proceduri odjerni u kif ser jigi ppruvat ampjament u ulterjorament, matul din il-kawza.*

8. *Illi ghaldaqstant certament illi l-intimat ma huwa ser ibati l-ebda pregudizzju sproporzjonat kemm-il darba l-kommunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet*

*titwaqqaf qabel is-sentenza finali ta' dina l-Onorabbli Qorti u dan kif ribadit fil-gurisprudenza nostrali.*

9. *Illi effettivament, kif ritenut ben tajjeb minn dina l-Onorabbli Qorti, fis-sentenza bin-numru 217/14 AL u datata 15 ta' Ottubru 2015, b'referenza ghal talba ghall-waqfien tal-kommunjoni ta' l-akkwisti, 'xejn ma jista' jigi mittiefes bit-talba odjerna tar-rikorrenti, peress lli jekk tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti millum, l-obbligi tal-manteniment, kemm versu r-ragel jew l-mara, kif ukoll lejn l-ulied, jibqa' vigenti bejn il-partijiet u l-istess jinghad ghal dak kollu li jaqa' that il-kommunjoni tal-akkwisti jew ta' xi immobbli parafernali tal-partijiet, stante li t-talba odjerna tkun applikabbli biss mid-data ta' dan id-digriet l-quddiem u mhux b'mod retroativ' b'dan illi fl-istess sentenza dina l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba ghall-waqfien tal-kommunjoni ta' l-akkwisti u ddikjarat illi 'dak illi qed jitlob ir-rikorrenti huwa biss li l-istess kommunjoni ta' l-akkwisti tieqaf u ma tibqax fis-sehh u dana bl-ebda mod ma jista' jikkreja pregudizzju sproporzjonat lill-intimat'.*

10. *Illi l-istess inghad f'sentenza iktar ricenti moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, u citati minn dina l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha bin-numru ta' riferenza 151/2021 AL fejn gie kkonfermat bl-aktar mod car illi 'il-Qorti tfakkar illi s-sentenza appellata tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat u ma taffettwax l-assi tal-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti sad-data tal-ordni ghall-waqfien" – liema insejament gie ricentament ikkonferat mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Ottubru 2019 fis-sentenza fl-ismijiet Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri. L-istess ġie ribadit fis-sentenza fl-ismijiet Ronald Asciak vs Antonia Asciak, fejn ingħad illi"l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat, b'mod li dak li setghu ghamlu z-zewg partijiet qabel id-data li fiha tkun inghatat l-ordni ma jippregudikax is-sehem taghhom mill-istess kommunjoni. Il-partijiet ghandhom id-dritt li jibqghu jressqu provi dwar l-assi tal-kommunjoni ezistenti sa dik id-data anke wara li tkun inghatat l-ordni tal-waqfien".*

11. *Illi effettivament il-pregudizzju sproporzjonat ser jinholoq jekk il-kommunjoni ta' l-akkwisti tibqa' ezistenti bejn il-partijiet, b'dan illi minn naha l-ohra t-terminazzjoni tal-kommunjoni ghandha tkun ta' beneficcju, in kwantu jigi evitat li xi parti taghmel dejn li jigi attribwit lill-kommunjoni, b'dan illi sfortunatament talli riskju qed issofrih l-esponenti dejjem inzammet fid-dlam dwar dak kollu illi jaghmel l-intimat, filwaqt illi permezz tat-terminazzjoni tal-kommunjoni ta' l-akkwisti, l-partijiet jirriakwistaw id-dritt illi jaghmlu l-atti kollha civili u kummercjali minghajr il-htiega ta' kunsens u approvazzjoni jew l-intervent tal-*

*aprti l-ohra, fi stadju fejn il-partijiet ilhom snin separati de facto minn xulxin u ma hemm l-ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni.*

12. *Illi ghaldaqstant, u fid-dawl tas-suespost, certament illi fil-kaz odjern ma h user jigi kkawzat l-ebda tip ta' pregudizzju kontemplat fl-artikolu 55(4) tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan illi sakemm tigi xolta l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet permezz tal-kawza odjerna, jkun opportune illi l-istess kommunjoni tigi tterminata minnufih.*

*Ghaldaqstant, u in vista tal-premess, l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja li tappunta dan ir-rikors ghas-smigh:*

1. *Tordna l-waqfien tal-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan permezz ta' sentenza ai termini ta' l-artikolu 55 tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna li tali sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Regitru Pubbliku ai termini ta' l-artikolu 55 (5) ta' l-imsemmi Kapitolu 16; u*

*U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportuni.*

Rat id-digriet tal-Qorti datat tat-23 ta' Ġunju 2022, fejn ġiet ordnata n-notifika tal-atti lill-kontroparti bil-fakolta' li jwieġeb permezz ta' risposta entro ħamest' (5) ijiem utli minn dakinhar tan-notifika;[2]

Rat ir-risposta tal-konvenut C B tal-14 ta' Novembru 2022, fejn ġie eċċepit:[3]

1. *Illi t-talba tal-attrici ghall-hall tal-komunjoni tal-akkwisti għandha tigi respinta bl-ispejjes billi l-esponent jissottometti reventement illi l-hall ta' l-istess komunjoni sejra ggib pregudizzju sproporzjonat ghall-esponent.*

2. *Illi l-esponent jissottometti illi tali pregudizzju jikkonsisti fil-fatt illi fil-kawza odjerna, ghadu ma giex konstat il-gid komuni tal-kontendenti, u l-ezistenza ta' bicciet minnu qieghda tkun innegata;*

3. *Illi in oltre ghad hemm interess kummercjali komuni bejn il-kontendenti. Jinhtieg illi billi dawn l-interessi gew akkwistati u kontrattati fil-komunjoni tal-akkwisti*

[2] Fol. 1610.
[3] Fol. 1615.

*jibqghu regolati bid-disposizzjoni tal-ligi dwar il-komunjoni tal-akkwisti, sakemm il-Qorti tara xieraq. Dan ifiisser illi t-talba odjerna ma tistax tigi milqugha. B'mod specifiku sejjer jinghad is-segwenti:*

a. *Illi kif mistqarr mir-rikorrenti fil-paragrafu numru sebgha tal-imsemmi rikors "il-partijiet iffirmaw ukoll konvenju ghall-bejgh tal-fond matrimonjali taghhom". Billi jekk b'inkejja ta' xi parti jew ohra ma tersaqx il-parti inkejjuza ghall-att finali tal-bejgh tad-dar matrimonjali, il-parti l-ohra ma tistax tinvoka dak despost fl-artikolu 1323 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dik l-inkejja tixxejjen bil-mod mahsub f'dak l-artikolu;*

b. *Illi hekk ukoll dwar il-kirjiet tal-appartamenti gewwa l-Belt Valletta, sa llum mikrija lil terzi. Ebda parti llum – appuntu ghax hemm il-komunjoni tal-akkwisti – ma tista tbiegh sehemha tal-istess lil terzi jew xort' ohra titlob d-divizjoni ta' dak l-apartament ukoll b'kawza ta' qasma illi twassal ghal bejgh b'subbasta lil terzi possibbilment lill-missier l-attrici jew lil Brendon Scicluna missier it-tielet wild tal-attrici. Bhala gid appartenenti lil komunjoni tal-akkwisti dan kollu ma jkunx possibbli mal-hall tal-kommunjoni tal-akkwisti.*

c. *Illi hekk ukoll, il-mandati ta' inibizzjoni mahsuba fil-ligi sabiex iwaqfu parti mizzewga milli taghmel xi dejn jew garanzija li tkun ta' piz fuq il-komunjoni tal-akkwisti, ma jkunux jistghu jintuzaw sabiex jiprotegu il-jeddijiet tal-esponent, kemm-il darba ma tibqax fis-sehh l-istess komunjoni;*

d. *Illi in oltre saret ukoll kawza vessatorja u mzejna bil-gideb minn missier l-attrici u cioe mill-kumpanija ta' missier l-attrici, fl-ismijiet "Midland Boutique Accomodation Ltd vs C B" numru "368/2021 RGM", b'kompliċita' sa issa ta' oht l-attrici u possibilment l-quddiem bil-komplicita' tal-attrici. Ma jistghax jigri illi dan id-dejn b'xi mod jew iehor jista' jispicca jiggrava biss lill-esponent u mhux ukoll lill-attrici, kemm-il darba b'dak illi l-esponent jjifhem illi jkun skarigg ta' gustizzja, l-esponent jigi kkundannat ihallas xi dejn kkontrayyay matul il-komunjoni tal-akkwisti, haga illi ma tistghax tigi kemm-il darba il-kommunjoni tal-akkwisti tibqa' fis-sehh;*

e. *Illi ukoll l-attrici qieghda tahbi u tinnega l-ezistenza ta' assi illi gew akkwistati tul il-komunjoni tal-akkwisti, b'mod partikolari l-ezistenza ta' applikazzjonijiet u permessi ghal Observation Wheel gewwa Floriana, b'involviment ukoll ta' individwi illi huma meqjusa bhala 'PEP'. Illi r-rikorrenti ma ghandhiex tigi premjata tal-insistenza taghha illi dan il-gid ma jezistix, billi jigi ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, b'mod illi wara*

*illi jkun sar da nil-waqfien hija tgawdi minn gid (tal-kommunjoni) illi nnegat li qatt ezista, bi pregudizzju ghal jeddijiettal-esponent zewgha;*

4. *Illi l-ligi tghid illi din it-talba ma ghandha qatt tintlaqa kemm-il darba parti tkun sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat. L-esponent hawn fuq elenka erba' ragunijiet illi maduda flimkien jirrapprezentaw il-gid kollu komuni tal-kontendenti u wera f'dina r-risposta illi dak il-kollu jigi pregudikat kemm il-darba din it-talba tintlaqa'. Difficli allura illi wiehed jimmagina pregudizzju akbar milli jigi pregudikat l-gid kollu tal-kontendenti.*

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat illi r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.[4]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Il-Qorti għandha quddiemha talba min-naħa tal-attriċi A B sabiex pendenti l-kawża bejn il-partijiet tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom, hekk kif l-attriċi stess tikkontendi *"illi l-partijiet <u>ilhom separati de facto ghal kwazi tlett (3) snin</u>, senjatament minn Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) u qed jghixu hajja separata minn xulxin, b'dan illi f'dan l-istadju certament illi ma hemm l-ebda htiega li l-kommunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet, tibqa' in vigore. (...) <u>l-intimat ma huwa ser ibati l-ebda pregudizzju sproporzjonat</u> kemm-il darba l-kommunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet titwaqqaf qabel is-sentenza finali ta' dina l-Onorabbli Qorti u dan kif ribadit fil-gurisprudenza nostrali. (...) <u>il-pregudizzju sproporzjonat ser jinholoq jekk il-kommunjoni ta' l-akkwisti tibqa' ezistenti bejn il-partijiet</u>, b'dan illi minn naha l-ohra t-terminazzjoni tal-kommunjoni ghandha tkun ta' beneficcju, in kwantu jigi evitat li xi parti taghmel dejn li jigi attribwit lill-kommunjoni, b'dan illi sfortunatament talli riskju qed issofrih l-esponenti dejjem inzammet fid-dlam dwar dak kollu illi jaghmel l-intimat, filwaqt illi permezz tat-terminazzjoni tal-kommunjoni ta' l-akkwisti, l-partijiet <u>jirriakwistaw id-dritt illi jaghmlu l-atti kollha civili u kummercjali minghajr il-htiega ta' kunsens u approvazzjoni jew l-intervent tal-aprti l-ohra, fi stadju fejn il-partijiet ilhom snin separati de facto minn xulxin u ma hemm l-ebda possibilita' ta' rikonciljazzjoni</u>"* (sottolinejar tal-Qorti).

[4] Fol. 1617.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut joġġezzjona għal din it-talba fejn in sinteżi jibbaża l-oġġezzjoni tiegħu fuq is-segwenti binarji: (i) hemm konvenju *in vigore* dwar id-dar matrimonjali, u jista' jagħti l-każ li waħda mill-partijiet ma tersaqx lejn il-kuntratt finali b'inkejja u per konsegwenza l-Artikou 1323 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta ma jistgħax jiġi invokat, (ii) kull parti tkun tista tbiegħ sehemha lil terzi jew titlob id-diviżjoni tal-immobbli ġewwa l-Belt Valletta, (iii) ma jkunx jista' jutilizza l-mandati ta' inibizzjoni sabiex ma jsirx dejn jew garanzija fuq il-komunjoni tal-akkwisti, (iv) jista' jispiċċa jassumi d-dejn waħdu, in vista ukoll tal-kawża fl-ismijiet *Midland Boutique Accomodation Ltd vs C B*, bin-numru 368/2021RGM, u (v) l-attriċi qed taħbi eżistenza ta' assi li ġew akkwistati matul il-komunjoni tal-akkwisti, inkluż applikazzjonijiet u permessi għal Observation Wheel ġewwa l-Furjana. Għalhekk skont il-konvenut, f'każ li t-talba tal-attriċi tiġi akkolta, huwa ser isofri preġudizzju sproporzjonat.

## 2. Prinċipji Legali:

F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 55 subinċiż 1 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħtiha l-fakolta' li f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda personali, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata. L-istess Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi waħda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi s-segwenti:

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien talkomunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn ilpartijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

In sinteżi, l-iskop tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi delinejat fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**,[5] fejn ġie mgħallem illi: *"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba għall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

Dan kompla jiġi kkonfermat riċentament fis-sentenza fl-ismijiet **Claire Pisani vs Joseph Pisani**,[6] fejn il-Qorti tal-Appell kompliet tirriafferma illi *"dak li trid il-ligi huwa li kull parti pendenti l-proceduri tas-separazzjoni jkollha l-fakolta` li jekk trid tista' titlob il-waqfien tal-komunjoni u li din it-talba m'ghandhiex tintlaqa' biss jekk il-Qorti tara li bil-waqfien tal-komunjoni parti jew ohra tkun ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat. Ghalhekk dak li hu sostanzjalment relevanti huwa d-dritt moghti lill-parti biex jaghmel talba simili u li tali talba ma tintlaqax jekk fic-cirkostanzi tal-kaz il-waqfien ser jikkaguna pregudizzju mhux proporzjonat lil parti l-ohra".*

---

[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu 2014.
[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' Ottubru 2019.

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dorianne Sammut vs Charles Sammut**,[7] fejn kompla jiġi affermat illi: *"Fi kliem iehor il-pregudizzju irid ikun sproporzjonat fis-sens li mhux kull pregudizzju jaghti lok ghal cahda ghat-talba in kwistjoni. Huwa evidenti ukoll li l-ghan tal-legislatur, certament konxju kemm jistghu jitwalu vertenzi simili, kien li tieqaf kemm jista' jkun malajr il-komunjoni tal-akkwisti biex ghall-inqas f'dan l-aspett, il-partijiet ikunu jistghu ikomplu jghixu hajjithom separatament gialadarba l-konvivenza bejniethom mhijiex aktar possibli. L-appellanti gia kellha erba' snin qabel id-decizjoni appellata (u issa sitt snin) biex tressaq il-provi taghha u din il-Qorti hija konsapevoli ukoll ta' kemm idumu ghaddejjin dawn il-vertenzi hafna drabi minhabba lusingar tal-partijiet biex iressqu l-provi kollha taghhom".*

## 3. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

Il-Qorti tibda sabiex *in primis* tara illi l-partijiet iżżewġu fit-8 ta' Mejju 2002, u għandhom żewġt itfal, li minnhom waħda għadha taħt l-eta`. Bħalissa bejn il-partijiet hemm kawża ta' separazzjoni li qiegħda tinstema' minn din il-Qorti, liema kawża nfetħet nhar id-29 ta' Ottubru 2020, u l-provi qegħdin jinstemgħu quddiem Assistent Ġudizzjarja. Mill-atti tal-kawża jirriżulta li sallum l-attriċi għadha ma ppreżentatx l-affidavit tagħha u s'issa xehdu rappreżentanti ta' banek lokali, Transport Malta, Jobsplus, u uffiċjal tal-pulizija. Il-partijiet lanqas ma ppreżentaw lista ta' proprjeta` parafernali, assi u dejn tal-komunjoni tal-akkwisti. Bħal ħafna proċessi oħra f'kawżi ta' din ix-xorta, hemm file mimli *statements* ta' banek mingħajr spjegazzjoni ċara. Konsegwentament nhar it-22 ta' Ġunju 2022, l-attriċi ppreżentat rikors u talbet lil din il-Qorti sabiex tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-konvenut wieġeb nhar l-14 ta' Novembru 2022, u b'digriet mogħti fil-15 ta' Novembru 2022 il-Qorti appuntat ir-rikors għas-sentenza għal-llum, u dan ġialadarna li ħadd mill-partijiet ma talab sabiex il-Qorti tagħti l-opportunita` li jitressqu provi qabel tagħti s-sentenza odjerna.

Stabbilit il-premess, il-Qorti tissottolineja illi meta rinfaċċjata b'rikors ta' din in-natura hija marbuta permezz tal-Artikolu 55 subinċiż 4 tal-Kodiċi Ċivili li, qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, hija għandha teżamina u tara jekk xi parti jew oħra tkunx sejra tbati xi preġudizzju mhux proporzjonat b'tali waqfien pendenti l-kawża. Fil-fehma tal-Qorti jidher illi l-ilmenti tal-konvenut huma ħamsa:

*i.* ***<u>Hemm konvenju in vigore dwar id-dar matrimonjali, u jista' jagħti l-każ li waħda mill-partijiet ma tersaqx lejn il-kuntratt finali b'inkejja u per konsegwenza l-Artikou 1323 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta ma jistgħax jiġi invokat:</u>***

[7] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Mejju 2019.

Il-Qorti tara illi fl-atti tinsab kopja tal-konvenju msemmi datat l-1 ta' April 2022, fejn jidher li l-partijiet qegħdin jaqblu illi jbiegħu tali fond versu l-prezz ta' €245,000. Skont paragrafu numru 4 tal-imsemmi konvenju, jidher li l-istess konvenju kien validu sal-1 ta' Ottubru 2022. Madanakollu mill-atti ma jirriżultax jekk il-partijet resqux għal kuntratt finali, jew jekk *se mai* l-konvenju imsemmi ġiex estiż għal perjodu ieħor. Madanakollu jibqa' l-fatt illi l-konvenut qed jibbaża l-oġġezzjoni tiegħu fuq ipotetika sitwazzjoni, li *in ogni caso* kieku kellha ssir, jibqa' l-fatt illi sehem il-konvenut xorta waħda mhux ha jkun mittiefes għaliex dan jappartjeni lilu kien, għadu u jibqa' anke' jekk wieħed mill-partijiet ma jersaqx għal kuntratt finali.

ii. *<u>Kull parti tkun tista tbiegħ sehemha lil terzi jew titlob id-diviżjoni tal-immobbli ġewwa l-Belt Valletta:</u>*

Il-Qorti tifhem li permezz ta' din l-oġġezzjoni partikolari, l-inkwiet tal-konvenut huwa proprju li l-fond tal-Belt ma jibqgħax jinkera għaliex jista' jinbiegħ jew jiġi diviż. Skont l-attriċi, dan il-fond tal-Belt qiegħed jiġi mikri lil terzi mill-konvenut, liema kirja qiegħda tiġi allegatament mgawdija mill-konvenut innifsu. Tajjeb li jingħad li tali verżjoni ma ġietx kontradetta mill-konvenut, u barra minn hekk mill-*istatements* bankarji jirriżulta ampjament ċar illi f'kont bankarju partikolari tal-konvenut kienet qiegħda tiġi depożtata somma fix-xahar minn ċertu D E F fl-ammont ta' €620, kif ukoll xi depożiti minn AirBnB.[8] Għalhekk fid-dawl ta' dan, il-Qorti tifhem iktar l-preokupazzjoni tal-konvenut, li żgur mhux forsi ma hijiex oġġezzjoni ġusta għal preġudizzju sproporzjonat, anzi jekk xejn hija oġġezzjoni addirittura egoistika.

iii. *<u>Ma jkunx jista' jutilizza l-mandati ta' inibizzjoni sabiex ma jsirx dejn jew garanzija fuq il-komunjoni tal-akkwisti:</u>*

Mill-atti ma jirriżultax illi tresqet prova ta' dejn, jew *se mai* raġuni għalfejn għandha ssir garanzija fuq il-komunjoni tal-akkwisti. Fi kwaunkwe każ, il-konvenut dejjem għandu d-dritt illi jutilizza dawk ir-rimedji *ad hoc* inkluż l-intavolar ta' mandati kawtelatorji sabiex ikun jista' jissavagwardja d-drittjiet u l-interessi tiegħu, u dan ikunx hemm *o meno in vigore* r-reġim matrimonjali tal-kommunjoni tal-akkwisti.

iv. *<u>Jista' jispiċċa jassumi d-dejn waħdu, in vista ukoll tal-kawża fl-ismijiet Midland Boutique Accomodation Ltd vs C B, bin-numru 368/2021RGM:</u>*

Minkejja l-fatt illi l-konvenut jagħmel referenza għal din il-kawża, din il-Qorti ma għandha l-ebda prova ta' tali jew inkella t-talbiet kif dedotti. Madanakollu l-kwistjoni

[8] Fol. 549 – 721.

jekk l-konvenut jispiċċax jassumi d-dejn waħdu *o meno* bħala allegat debitur tas-soċjeta' attriċi, ma hijiex ta' kwistjoni li ser tiġi deċiża minn din il-Qorti, u jekk xejn, din *se mai* għandha titressaq bħala prova fl-istadju opportun fil-mori ta' dawn il-proċeduri. Pero' l-allegat dejn, f'għajnejn din il-Qorti ma huwiex ta' ostaklu sabiex jintalab it-terminazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti – liema kwistjoni f'dan l-istadju għadha biss allegazzjoni, u jekk dik l-allegazzjoni tiġi ppruvata, ma jfissirx li t-terminazzjoni tal-komunjoni f'dan l-istadju ser twassal għal xi preġudizzju sproporzjonat għall-konvenut.

v. *L-attriċi qed taħbi eżistenza ta' assi li ġew akkwistati matul il-komunjoni tal-akkwisti, inkluż applikazzjonijiet u permessi għal Observation Wheel ġewwa l-Furjana. Għalhekk skont il-konvenut, f'każ li t-talba tal-attriċi tiġi akkolta, huwa ser isofri preġudizzju sproporzjonat:*

Dan l-ilment jagħti l-idea li f'dan l-istadju hemm nuqqas ta' rendikont dettaljat ta' dak li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, għaliex l-attriċi allegatament qiegħda taħbi ċertu assi. Il-Qorti tħoss li huwa opportun li tibda sabiex tirribadixxi l-pożizzjoni tal-Qrati nostrana fir-rigward tal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti matul il-kawża ta' firda personali, fis-sens illi *"s-sentenza appellata tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat u ma taffettwax l-assi tal-kommunjoni talakkwisti ezistenti sad-data tal-ordni ghall-waqfien"* - liema insenjament ġie riċentament ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Ottubru 2019 fis-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**. Madanakollu, jingħad illi l-allegat aġir tal-attriċi sabiex taħbi minn żewġha dawk l-assi bil-konsegwenza li l-konvenut jitlef dak li jappartjeni lilu bi dritt, il-Qorti tevalwa illi din l-insinwazzjoni tal-konvenut fuq martu ma ġietx minimament ippruvata.

Stabbilit il-premess, il-Qorti ma tarax illi għalhekk l-oġġezzjoni tal-konvenut hija valida u l-preġudizzju vvantat minnu huwa altru milli wieħed li jippreġudika l-pożizzjoni tiegħu. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tinsabx sodisfatta li l-konvenut ressa dik il-prova sal-grad rikjest mil-liġi illi huwa verament ser isofri minn preġudizzju sproporzjonat f'każ li titwaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti tirribadixxi l-insenjament kif elenkat fis-sentenzi fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi** u **Claire Pisani vs Joseph Pisani**, ċitati *supra*, u ċjoe' li min ikun qiegħed jallega li ser isofri preġudizzju mhux proporzjonat għandu jġib tali prova, għandu japplika ukoll għar-rikors odjern. Magħdud ma' dan u fis-sentenza **Jael Cassar vs Robert Cassar**,[9] ġie ritenut illi *"Eżami tal-artikolu 55(4) juri illi mhux kull preġudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni għal sentenza in parte għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bħala ostakolu għall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-sub-inċiż 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti għandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti*

[9] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-3 ta' Diċembru 2013.

*qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati "preġudizzju mhux proporzjonat".*

Għaldaqstant, u tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, ma hemmx dubju għal din il-Qorti illi l-ħajja miżżewġa ta' bejn il-partijiet spiċċat definittivament, fejn il-partijiet qegħdin jgħixu ħajja indipendenti minn xulxin, u ma jidhirx li hemm wisq prospett ta' rikonċiljazzjoni bejniethom, tant li l-medjazzjoni bejniethom ma rnexxietx u l-attriċi intavolat l-azzjoni odjerna. Mill-atti s'issa rriżulta li ma hemmx dejn gravanti l-komunjoni tal-akkwisti. Madanakollu, u fir-rigward ta' kull dubju li għandha l-attriċi assi u dejn, il-Qorti ttenni l-prinċipju li dejjem[10] ħaddnet u ċjoe' illi dak li sal-lum huwa formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ser jibqa' hekk sakemm ikun hemm il-likwidazzjoni u l-qasma tal-proprjeta` tal-partijiet. Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ronald Asciak vs Antonia Asciak**, fejn ingħad illi *"l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat, b'mod li dak li setghu ghamlu z-zewg partijiet qabel id-data li fiha tkun inghatat l-ordni ma jippregudikax is-sehem taghhom mill-istess komunjoni. Il-partijiet ghandhom id-dritt li jibqghu jressqu provi dwar l-assi tal-komunjoni ezistenti sa dik id-data, anke wara li tkun inghatat l-ordni tal-waqfien".*[11]

Għalhekk tenut kont taċ-ċirkostanzi odjerni, il-Qorti tara pjuttost illi tali terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti abbażi ta' dak dikjarat mill-attriċi fir-rikors odjern, ser ikun ta' benefiċċju għaż-żewġ partijiet. Għalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li effettivament jekk il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attriċi ħadd mill-partijiet mhu ser isofri xi preġudizzju sproporzjonat u dan peress li kif diġa' ġie premess iktar 'il fuq, kull parti tista' tkompli ttella' l-provi rigward l-assi, kemm dawk parafernali u kif ukoll dawk appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, fejn konsegwentament il-Qorti tgħaddi sabiex tipprovdi rigward dan fis-sentenza finali meta tigi biex tillikwida u tassenja l-assi formanti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, wara li jkunu nġabru l-provi kollha.

**DEĊIDE:**

GĦALDAQSTANT u fir-rigward tar-rikors odjern, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċċiedi billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, u tgħaddi sabiex:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li teżisti bejn il-partijiet b'mod immedjat u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili,

[10] *Vide* f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Philip Caruana vs. Gemma Caruana** (Rikors 207/17/1AL) deċiża fis-16 ta' Mejju 2018 u **Michelle Gaffiero vs. Jesmond Gaffiero** (Rikors 223/17/1AL) deċiża fis-7 ta' Marzu 2018;
[11] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Diċembru 2019.

b'dana illi r-reġim matrimonjali li għandu japplika bejn il-partijiet mill-ġurnata li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat huwa dak tas-separazzjoni tal-beni;

2. Tilqa' it-tieni talba u tordna ukoll lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien ġimgħa minn mindu din is-sentenza preliminari tgħaddi in ġudikat, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-istess sentenza sabiex ikun jista' jirreġistraha ai termini tal-Artikolu 55 subinċiż 5 tal-Kodiċi Ċivili.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza *in parte* jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.